**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Novembru 2020

Rikors Numru: 209/19 AL

**A sive A B**

Vs

**C sive C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-tmintax (18) ta' Lulju, elfejn uerbatax (2014).

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal u lanqas ma twieldu tfal mir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti.

3. Illi l-ħajja konjugali bejn il-konjugi B ma għadhiex aktar possibli minħabba adulterjuri, abbandun tad-dar konjugali, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi da parti tal-konvenut, kif ukoll minħabba raġunijiet oħrajn li huma unikament imputtabli lill-istess konvenut.

4. Illi, peress illi qabel iż-żwieġ l-esponenti kienet soru tal-klawsura u kienet għadha tbati minn kundizzjonijiet serji li ma jippermettux lill-istess esponenti li jkollha u żżomm xogħol tagħha (dana kif jinsab debitament konfermat miċ-ċertifikati mediċi hawn annessi u rispettivament mmarkati Dok. 'A' u Dok. 'B'), jeżistu l-estremi sabiex hija tiġi mantnuta minn żewġha l-konvenut li qed jirrifjuta li jmantniha skont kif huwa tenut jagħmel skont il-liġi.

5. Illi matul iż-żwieġ tagħhom l-esponenti ħallset diversi djun personali u/jew parafernali tal-istess konvenut, oltre wkoll li ħallset garanziji għal-liberta' proviżorja u somom oħrajn meħtieġa mill-konvenut għall-bżonnijiet tiegħu u dana permezz ta' flus tagħha personali parafernali u/jew mislufin lilha personalment minn terzi persuni oltre minn entitajiet li provdewlha din l-għajnuna liema ammonti l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jirrifondi lill-istess attriċi.

6. Illi, għalkemm il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali sabiex jibda relazzjoni ma' terza persuna tlett (3) snin ilu huwa ħa miegħu oġġetti personali tal-esponenti, fosthom il-laptop tagħha u qiegħed jibqa' jirrifjuta li jirritornahom. Inoltre, l-esponenti kienet qed iżżomm kamra tas-sodda jgħoddija lilha minn ħabiba tagħha li kienet tiġi taraha bħala soru imma din il-kamra tas-sodda il-konvenut iddispona minnha sabiex iħallas id-dejn tiegħu.

7. Illi d-dar matrimonjali hija okkupata bi dritt ta' kirja parafernali f'isem l-esponenti esklussivament.

8. Illi saru diversi tentattivi da parti tal-attriċi sabiex tintlaħaq separazzjoni bonarja, inkluż il-proċeduri ta' medjazzjoni, iżda dawn mingħajr ma kien hemm ebda eżitu pożittiv.

9. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandniex:

1. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali a mensa et thori bejn l-attriċi u żewgha l-konvenut għar-raġunijiet imputabbli lill-istess konvenut.

2. Tawtorizza lill-istess attriċi illi tgħix separata mill-konvenut.

3. Tillikwida u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment xieraq għall-bżonnijiet tagħha skont il-modalitajiet li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

4. Tapplika interament jew in parti kontra l-istess konvenut id-disposizzjonijeit tal-artikolu 48, 51, 53 u 54 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex, salv għal dak li jinsab provdut taħt l-artikoli surreferiti, jirritorna lill-esponenti l-ġġetti personali u/jew parafernali tagħha u, okkorrendo għall-finijiet ta' dina t-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba jipproponi pjan ta' diviżjon, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapreżenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

6. Tordna illi l-kirja tad-dar matrimonjali in kwantu kirja parafernali tal-istess attriċi tiġi assenjata lill-istess attriċi flimkien mal-użu u abitazzjoni esklussiva għaliha fl-istes u dan għad esklużjoni tal-konvenut.

7. Tawtorizza lill-attriċi li tirreġistra, ossia li tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-medjazzjoni u tal-proċeduri kollha relattivi għal din il-firda personali kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat a fol 18 li permezz tagħha espona:

1. Illi filwaqt li b'referenza għall-ewwel talba attriċi huwa jaqbel li l-Qorti tiddikjara "il-firda personali a mensa et thoro" bejn il-partijiet u jaqbel ukoll mat-tieni talba, l-Qorti m'għandhiex tiddikjara tali separazzjoni "għall-raġunijiet imputabbli lill-konvenut" kif pretiż fl-ewwel talba:
   - Stante li filwaqt li mhuwiex minnu li huwa kkommetta adulterju, sevizzi, eċċessi, minaċċi, inġurji gravi u stante l-abbandun minnu tad-dar matrimonjali għad li seħħ, seħħ unikament minġabba l-imġieba tal-istess attriċi, il-ħajja konjugali ma baqgħatx aktar possibli minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment u dana unikament minħabba raġunijiet imputabbli lill-istess attriċi.

2. Illi t-tielet talba għall-manteniment għandha ukoll tiġi miċħuda:
   (a) Stante li t-tkissir taż-żwieġ kien unikament tort tal-attriċi kif premess:
   (b) U indipendentement minn (a), l-attriċi għandha mezzi ta' dħul minn diversi xogħlijiet li tagħmel u ħlasijiet oħra li tirċievi fosthom benefiċċju soċjali, li jrenduha finanzjarjament kompletament indipendenti u assolutament bla ebda bżonn li tiġi mantnuta, filwaqt li l-konvenut ma jaħdimx u ma jirċievi ebda benefiċċji soċjali u qiegħed fl-impossibilita' assoluta li jgħaddi flus ta' manteniment lill-attriċi.

3. Illi r-raba' talba attriċi għandha ukoll tiġi miċħuda fl-interita' tagħha stante illi kif eċċepit fl-ewwel eċċezzjoni, iż-żwieġ sfaxxa b'mod irrimedjabbli minħabba raġunijiet unikament imputtabli lill-istess attriċi.

4. Illi kwantu għal-ħames talba, filwaqt li jaqbel li tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, għandha tiġi miċħuda t-talba tar-ritorn ta' oġġetti tal-attriċi u għal kull buon dini jissolleva li ma hemmx ħtieġa li jiġi nominat perit biex jagħmel likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' diviżjoni u nutar biex jirċievi l-att relattiv stante li fil-komunjoni tal-akkwisti ma jeżistu la assi u lanqas djun, oltre' li kif ġja ingħad li l-konvenut ma ħa ebda oġġett tal-attriċi.

5. Illi huwa jaqbel mas-sitt u s-seba' talbiet.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjeż kontra l-attriċi nġunta għas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha sussegenti;

Rat illi l-partijiet laħqu ftehim u għalhekk l-attur tramite l-avukat difensur tiegħu pprezenta nota li permezz tagħha ċeda t-talbiet kollha ħlief għall-ewwel talba;

Rat illi l-Qorti fl-atti tar-rikors konġunt numru 209/19/2 ta' A sive A B vs C sive C B laqgħet l-ewwel talba u cioe` iddikjarat illi l-ewwel talba ta' separazzjoni magħmula f'din il-kawza titqies minflok bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju għaż-żwieġ tagħhom;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha l-oħrajn li ġew ċeduti permezz ta' nota tad-19 ta' Novembru, 2020;

Il-Qorti tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.